## VENEZJA

*Venezja! kemm nies mgħaxxqa bil-ġmiel tiegħek,*
*Hlew versi u pniezel biex jagħtuk il-qima.*
*Se' nkun jien dgħajjef tant jew xħiħ għal miegħek,*
*Li ma nagħmillekx ukoll jiena xi rima?*
*Tassew illi kulħadd sema' bi ġmielek,*
*Imma għalija jien rajtek l-ewwel darba,*
*U f'daqqa waħda wqajt irsir minn tiegħek,*
*Iżda ïrsir li qatt ma jlissen karba.*

*U int, belt ħelwa, għandek biex tiftaħar,*
*Bil-knejjes u l-palazzi li jżejnuk,*
*B'San Mark, u bir-Rialto, u l-Gran Kanal;*
*Iżda? Venezja, nidħak xħin niftakar,*
*Kif rajtek f'Lulju, bin-nies li jżuruk,*
*Qisu ,fl-aqwa tas-sajf, il-Karnival.*

E. Agius.

## ~~XEWQAT MIKSURA~~

~~*Mill-katakombi mdawla tal-qalb tiegħu*~~
~~*Jara l-poeta — imgħaġġlin, qalbiena —*~~
~~*Xewqatu li trabbew u kibru miegħu*~~
~~*Telgħin ixerrdu d-dawl, ixerrdu l-ħniena.*~~

~~*U fuq id-dinja mjassra u mudlama,*~~
~~*Imdemma b'ġenn il-għira, b'ġiehha mtabba',*~~
~~*B'kelmtu mixgħula u mtajrin mit-tama*~~
~~*Jitlaqhom jgħannu l-innu ta' l-imħabba.*~~

~~*'Ma jerġgħu għandu u jinżlu kollha mnikkta*~~
~~*Fil-kenn tal-katakombi, wara l-ġlieda*~~
~~*Li jġarrbu mal-bnedmin — miksura u msikkta*~~
~~*Mill-qerq u l-ħjiena, mill-uħux qerrieda.*~~

~~*U l-qalb, hemm isfel, max-xewqat mifnija,*~~
~~*Tibki 'l din l-art kif beka Ġeremija.*~~

~~Dun Frans Camilleri.~~